MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' April, 2015

Numru. 26/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**AB**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija AB detentrici tal-karta tal-identita` numru XXXX

Akkuzata talli nhar id-29 ta' Gunju 2014 u fil-jiem ta' qabel din id-data, gewwa Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer:

1. Talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz;
2. Kif ukoll talli ghamlet falsifikazzjoni ta' firma fuq dokument mghoddi lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputata li rregistrat ammissjoni bikrija u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha.

Rat li hija kkoperat bis-shih mal-prosekuzzjoni.

Rat illi l-fedina penali tal-imputata hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni mill-imputata qed issib lill-imputata AB hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------